# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Is-6 Ħadd ta' Matul is-Sena

Sena B

**Introduzzjoni**

Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tas-sitt Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex l-għemejjel tagħna jiġu mwettqa għall-akbar glorja tiegħu.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Lev 13, 1-2.45-46)

Alla kien ikellem lil Mose u lil Aron saħansitra fuq ħwejjeġ marbuta mal-ġisem.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 31 (32), 1-2.5.11)

Int kenn għalija, iddawwarni u tferraħni bil-ħelsien tiegħek.

**It-Tieni Qari** (1 Kor 10, 3-11,1)

Is-smigħ u l-aċċettazzjoni tal-Kelma ta' Alla jissarrfu f'xebh lil Kristu.

Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mk 1, 40-45)

Il-fidi tar-raġel lebbruż issarrfet fil-fejqan mill-mard tiegħu .

Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

L-għixien tal-ħajja skont kif jixtieq Alla jitlob ħidma kontinwa. Ejjew għalhekk f'dan il-mument nirringrazzjaw lil Alla għal dak kollu li jagħmel magħna permezz tal-offerti tagħna, filwaqt li nitolbuh idawwalna aktar.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Min ifittex lil Alla ma jkun jonqsu xejn. It-tqarbin huwa opportunità biex in-nisrani jfittex u jiltaqa' ma' Dak li tassew idawwal il-ħajja kollha tiegħu.

Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.